# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha, 24 ta' Frar, 2016

**Talba Nru: 842/2015 DMA**

**Antonia Lihic**
**(ID. 211762M)**

**Vs**

**Rita Abela**
**(ID. 403360M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Ottubru, 2015 fejn l-attrici talbet illi jsiru xoghlijiet rimedjali that is-supervizzjoni ta' Perit appuntat mit-Tribunal jekk ikun il-kaz, stante li gie kkonstatat mill-Perit Attard hekk kif ser jidher fil-mori tal-kawza li hemm penetrazzjoni tal-ilma mill-propjeta' konvenuta kawza ta' liema penetrazzjoni qieghed jingabar l-ilma fit-torba u qieghed issir hsara fis-saqaf tal-attrici.

Barra minnhekk, il-gallarija sovravanti t-terazzin tal-attrici ghandha wkoll hsarat liema gallarija hija wkoll propjeta tal-konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fil-11 ta' Novembru, 2015 fejn eccepiet:

1. Illi t-talba attrici hi intempestiva gialadarba kwalunkwe xoghol u/jew manutenzjoni saret mill-konvenuta regolarment u that is-supervizzjoni ta' Perit Arkitett;
2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dank if se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsisasi perkolazzjoni hi kawza ta' azzjonijiet tal-attrici u/jew ta' zewgha u dan kif jigi kkonfermat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal semgha il-partijiet u ra d-dokumenti pprezentati u huwa tal-fehma illi l-attrici ma tistax tibqa' bil-hsara fuq rasha u  ma jsir xejn da part ital-konvenuta. Fl-istess waqt wiehed irid izom f'mohhu illi l-hsara tinsab fis-saqaf ta' wahda u fl-art tal-ohra allura l-ebda parti ma ghandha tbati l-ispejjez kollha hi.

Ghaldawn il-motivi t-Tribunal jilqa' parzjalment it-talba attrici pero l-ammont mitlub ta' seba' mija u tmien ewro (€708) ghandu jinqasam billi l-konvenuta thallas hames mitt ewro (€500) u l-attrici stess thallas mitejn u tmien ewro (€208).

Il-konvenuta hija kkundanata thallas dan l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) lill-attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**